TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/111/20/S

Dr Joelle Cortis u Ryan Azzopardi

vs

Tabone Enterprises (Malta) Ltd

Illum 18 ta' Jannar,2024.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Dr Joelle Cortis u Ryan Azzopardi ippreżentata fl-26 ta' Awwissu, 2020 u r-risposta ta' Tabone Enterprises (Malta) Ltd ippreżentata fil-5 ta' Ottubru 2020.

Ra id-dokumentazzjoni preżentata u sema' x-xhieda u trattazzjoni li seħħet fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2020.

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda żewġ *sun loungers* minn tlieta mixtrija minghand is-soċjeta' intimata li wara iktar minn sena, kien hemm tibdil fil-kulur tal-materjal tagħhom.

Illi jingħat mill-ewwel li min jallega irid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima *incumbit probation qui dicit, non qui negat* (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell sede inferjuri bl-ismijiet "Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributions Ltd" mogħtija fit-13 ta' Jannar 1999).

Illi l-obligu tal-provi tinkombi dejjem lill min jallega u dan kif stabbilit mill-gurisprudenza nostrana fosthom bħala eżempju mid-deċiżjoni mogħtija mil-Qorti tal-Maġistrati (151/05/SN tad-19 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet "Martin Degabriele vs Melanie Borg" u dan skont l-artiklu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

Illi dan hu element importanti ħafna fil-kamp civili u min irid jiddeċiedi irid jagħmel dan abbażi tal-provi imressqa.

Illi dan kollu ċitat japplika għal każ odjern.

Illi it-Tribunal jinnota li kien wara iktar minn sena li inxtraw dawn is-*sun loungers* illi r-rikorrenti ilmentaw illi il-kulur tal-materjal tbiddel.

Illi dan seta' seħħ minħabba diversi fatturi li it-Tribunal ma tantx kellu provi dwarhom għajr żewġ ritratti ppreżentati permezz ta' dokument minn naħa tar-rikorrenti li juru d-differenza fil-kulur ta' dawn l-oġġetti li skont l-intimat dan il-bdil fil-kulur seta' kien kawża ta' użu ħazin u ta' proċeduri ta' tindif ħżiena li intużaw fuq dawn is-*sun loungers*.

Illi dan it-Tribunal mhux se joqgħod jassumi kif seta' ġara dan it-tibdil fil-kulur pero' iħoss li għalkemm dawn l-oġġetti huma ghamara intenzjonata għal barra, dan ma jfissirx li għandhom jitħallew b'mod indiskriminat għall-elementi s-sena kollha.

Illi dan it-Tribunal iħoss illi mil-provi imressqa r-rikorrenti ma rnexxielhomx jippruvaw dak li minnhom allegat u cioe' li dawn is-*sun loungers* kienu difettużi.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba ta' Dr Joelle Cortis u Ryan Azzopardi filwaqt li Jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' Tabone Enterprises (Malta) Ltd b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru